**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.**

SEDUTA TAL-HAMIS 6 TA' GUNJU, 2002

APPELL NRU. 169/2001 JGD

IL-PULIZIJA
(Spettur Norbert Ciappara)

VS

STANLEY CHIRCOP

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fid-19 ta' Mejju, 1998, talli f'dawn il-Gzejjer, fis-17 ta' Mejju, 1998:

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jiprokura l-istess droga u dana bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta ;

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-Raba u Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti imsemmija u dana bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu personali tieghu;

c) ukoll talli fis-17 ta' Mejju, 1998, u il-granet ta' qabel assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer, sabiex ibieghu jew jittrafikaw f'dawn il-Gzejjer, kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromovew, ikkostitwew, organizzaw, jew iffinanzjaw l-assocjazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 22 (1) (f) tal-istess Kap;

d) ukoll talli fis-17 ta' Mejju, 1998, u dawn l-ahhar gimghat kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 5 (i) tal-Avviz Legali 22 tal-1985, kif sussegwentement emendat u 35 (b) u 89 (a) u t-tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Artikolu 16 tal-Att. V tal-1985 kif emendat.

Bit-talba lil dik il-Qorti li, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-appellant ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti skond l-Art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta' l-Avukat Generali tad-19 ta' Mejju, 1998 (fol. 10) u l-kontro-ordni (fol. 218) sabiex l-appellat ikun jista' jigi gudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu bis-sahha tas-subartikolu (2) u (2C) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 u ta' l-Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Settembru, 2001, li biha sabet lill-appellant hati tat-tieni akkuza ta' pussess ta' droga eroina, izda minghajr il-kwalifika tas-sejbin tal-istess droga f'tali cirkustanzi li juri li ma kienetx ghall-uzu personali tieghu u dana stante li din minn imkien ma rrizultat kif ukoll tar-raba akkuza, ossia talli fis-17 ta' Mejju, 1998 u dawn l-ahhar gimghat kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss u hati ukoll tat-tielet akkuza, talli irrenda ruhu komplici, meta heba' fuq wara tal-flokk li kien liebes mizien li kien ghadu kif intuza minn ohrajn fir-reat ta' traffikar u pussess tad-droga eroina b'dan li rrenda ruhu hati li xjentement ghen l-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie kunsmat, u wara li ghal dik li hi piena hadet in konsiderazzjoni kemm dak li stqarret l-Ufficjal tal-Probation kif ukoll il-grad li fih dik il-Qorti sabet lill-imputat appellant hati ta' komplicita' li certament fid-dawl tal-cirkostanzi u provi ghandu jigi ikkunsidrat li kien fi grad minimu; wara li rat l-artikolu 42 (d), 43 u 17 tal-Kap. 9, l-Artikolu 22 (1) (a), 22 (2) (b) u r-Regolament 4 u 8 tal-G.N. 292/1939 tal-Kap. 101 kif ukoll l-Artikolu 120 A (1)(a)(2)(b) (ii) u t-Tielet Skeda tal-Kap. 31 u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985, ikkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' tmin xhur u multa ta' mitejn lira Maltin (LM200) li ghandhom jigu konvertiti f'xahar iehor prigunerija fin-nuqqas ta' pagament, u minn liema perjodu ta' prigunerija ghandu jitnaqqas kull terminu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv. Il-Qorti ghal kull buon fini kienet iddikjarat li fl-ghoti tal-piena kienet ikkonsidrat il-ligi kif applikabbli fid-data meta sehhew ir-reati. Inoltre ordnat il-konfiska ta' l-esebiti konsistenti fil-pilloli u l-mizien li huma deskritti bil-kodici forensiku 98 BDU 409, 98 BDU 409a u 98 BDU 410 u kkundannat ukoll lill-appellant ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 li jhallas l-ispejjez kollha relatati man-nomina ta' l-esperti in konnessjoni ma' l-kaz.

Rat ir-Rikors tal-appell tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta' Settembru, 2001 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha fejn sabitu mhux hati, tikkonfermha dwar il-pussess ta' droga u medicinali u taghti l-piena li taghmel ghall-kaz specjalment tenut kont tac-cirkostanzi tieghu li kien "user" u tirrevokha mill-kumplament u cioe' fejn sabitu hati ta' komplicita' ta' spacc ta' l-istess droga.

Rat illi fil-qosor l-aggravji tal-appellant jikkonsistu filli fil-ligi taghna ma tezistix il-figura guridika ta' "accessory after fact" ghar-rigward tal-koncett tal-komplicita'; li l-kelma "dealing" fl-art. 22 tal-Kap. 101 ma tinkludix ukoll partecipazzjoni wara li jkun sar il-fatt u wara li l-persuni ikunu nqabdu mill-Pulizija; illi l-appellant ma kienx gie akkuzat taht l-artikolu 111 (2) tal-Kodici Kriminali u cioe' ta' min jissopprimi jew ibiddel it-tracci ta' reat u li kull ma ghamel l-appellant kien li se mai ipprova jghatti r-reat imma mhux li ghen u assista lill-awturi biex jaghmlu r-reat; li jmisshom ittiehdu fingerprints fuq il-mizien mill-Pulizija; li l-versjoni li kien ta l-appellant kienet timmerita li tigi emmnuta; li dwar il-piena hi applikabbli l-ligi qabel ma giet emendata u li l-appellant ghamel programm serjissimu ta' riabilitazzjoni mid-droga u mhux biss mar tajjeb imma sahansitra qed jahdem u jistabilixxi ruhu.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2002 li bih il-Prosekuzzjoni, iddikjarat li taqbel mar-ragunijiet tad-difiza ghaliex l-appellant ma setghax legalment jinstab hati ta' komplicita' fid-delitt ta' traffikar, u illi fl-aghar ipotesi ghall-appellant, seta biss jinstab hati legalment tar-reat ta' soppressjoni ta'delitt skond l-artikolu 111 tal-Kodici Kriminali, liema reat pero' ma giex dedott kontra l-appellant u liema reat ma jistax jitqies bhala kompriz u nvolut fir-reat ta' traffikar.

Semghet lis-social worker, Josette Camilleri li xehdet li l-appellant issa fieq mill-vizzju tad-droga u qed jahdem u ghadu qed jattendi ghal programm tas-Sedqa, pero' jehtieg li jkollu "counselling" u "weekly urine testing" regolari kull meta jkun ghand il-psikjatra u li ssuggeriet li jigi mpoggi taht il-kura ta' "probation officer".

Rat in-nota tal-appellant tal-15 ta' Marzu, 2002 li biha esebixxa certifikat tal-employer tieghu li juri li hu ilu jahdem mad-ditta Denim Sportswear Limited sa mis-26 ta' Frar, 2001 u li nstab "hardworking, reliable and co-operative".

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-18 ta' Marzu, 2002 li biha esebixxa fedina penali aggornata tal-appellant minn fejn tirrizulta biss teknika tat-traffiku li ghaliha l-appellant gie kundannat biss ammonizzjoni u reprensjoni kif ukoll li biha indika li fl-eventwalita' li l-appellant jinstab hati ta' pussess illegali semplici, apparti l-piena stabilita mill-ligi, hemm provdut ukoll il-possibilita' li l-hati jitqieghed fuq probation skond l-art. 22(8) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u d-Difiza u fil-waqt li d-difiza ukoll appellat ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Att dwar il-Probation tal-Hatjin u l-hatra ta' probation officer ghax l-alternattiva ta' piena karcerarja tkun dizastruza ghall-isforzi li wettaq l-appellant fir-riabilitazzjoni tieghu, il-Prosekuzzjoni issuggeriet ordni ta' supervizjoni taht il-Kap. 101.

Ikkonsidrat,

Li l-istess Prosekuzzjoni lejalment qablet li l-akkuza ta' komplicita' fit-traffikar tad-droga ma kienetx tirrizulta f'dan il-kaz u ghalhekk din il-Qorti ma ghandix ghalfejn tiddilunga hafna fuq dan l-aggravju hlief li tghid li taqbel mall-agravju li ma setax ikun hemm att ta' komplicita' bil-fatt li wiehed jahbi il-mizien uzat mill-ispaccaturi, wara l-fatt, sakemm ma rrizultax li dan kien bi ftehim minn qabel ma gie kkunsmat ir-reat tal-ispacc, haga li mill-provi l-Prosekuzzjoni u d-difiza jaqblu li ma tirrizultax pruvata. Kif sew issottomettiet id-difiza tal-appellant, fil-ligi Maltija l-figura tal-"accessory after the fact" li tezisti fil-ligi Ingliza ma tiffurmax parti mill-elementi inkluzi u imsemmija tassattivament fil-ligi, biex ikun hemm komplicita' fir-reat. Ghalhekk dan l-aggravvju qed jigi milqugh u din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi ma ssibx lill-appellant hati tal-akkuza ta' assocjazzjoni ma xi persuna jew persuni ohra biex ibieghu jew jittraffikaw id-droga. Jibqa' ghalhekk il-htija li mhux qed tigi kontestata dwar pussess semplici ta' droga eroina u medicini psikotropici, minghajr ic-cirkostanzi li juru li d-droga u l-medicini ma kienux ghall-uzu personali tieghu.

Illi dwar il-piena, kif del resto indikat il-Prosekuzzjoni fin-nota taghha, f'kaz ta' pussess semplici ta' droga, b'distinzjoni minn kazijiet ta' traffikar jew spaccar ta' droga, hemm il-possibilita' li l-hati minnflok il-piena jitpogga fuq ordni ta' probation. Di fatti kemm l-Art. 22 (8) tal-Kapitolu 101 u l-Art. 120A (6) tal-Kapitolu 31 tal-ligijiet ta' Malta, jipprovdu li meta l-hati ma jkunx hati ta' traffikar, u jkun jinhtieg kura u ghajnuna ghar-riabilitazzjoni tieghu mid-dipendenza fuq xi medicina perikoluza jew li taqa' taht it-Tielet Skeda tal-Kap. 31, il-Qorti tista', minnflok ma tapplika xi wahda mill-pieni provduti fiz-zewg ligijiet imsemmija, tqieghed il-hati fuq probation taht l-Att dwar il-Probation tal-Hatjin.

Illi ghalhekk, trattandosi ta' htija ta' pussess semplici ta' droga u ta' persuna li tidher li ghamlet sforzi kbar biex tirriabilita' ruha u qed tahdem, izda ghad ghandha bzonn ta' kontroll u supervizjoni ta' probation Officer, hu l-kaz fejn l-applikazzjoni tal-artikoli fuq citati hija indikata. Konsegwentement din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza anki ghar-rigward tal-piena inflitta billi minnflok il-piena karcerarja, qed taghti l-provvediment infraskritt.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermha fejn sabet lill-appellant hati ta' pussess ta' droga eroina minghajr ic-cirkostanzi li jindikaw li dik id-droga ma kienetx intiza ghall-uzu tieghu personali skond it-tieni imputazzjoni u pussess ta' medicina specifikata u psikotropika taht ir-raba imputazzjoni u fejn ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni ta' forniment, ipprokurar jew traffikar tal-istess droga, u fejn ikkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' multa ta' mitejn lira Maltin (LM200) li ghandhom jigu konvertiti f'xahar prigunerija fin-nuqqas ta' pagament, kif ukoll fejn ikkundannat lill-appellant ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jhallas l-ispejjez kollha relatati man-nomina ta' l-esperti in konnessjoni ma dan il-kaz u fejn ordnat il-konfiska tal-esebiti konsistenti fil-pilloli u l-mizien li huma deskritti bil-kodici forensiku 98 BDU 409, 98 BDU 409 a u 98 BDU 410; u tirrevokha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni u cioe' li assocja ruhu ma xi persuna jew persuni sabiex ibiegh jew jittrafika d-droga f'dawn il-Gzejjer u in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien tmin xhur, u minnflok, wara li rat l-artikoli 22 (2) (b) (ii) u (8) tal-Kap. 101, u r-regolament 8 u 9 tal-G.N. 292/1939, l-Artikolu 120A (2) (b) (ii) u (6) u t-Tielet Skeda tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 5 (i) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 35 (b) u 89 (a) u t-Tielet Skeda tal-ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-

Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31 u l-Art. 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, kif ukoll l-Art. 5 tal-Att dwar il-Probation tal-Hatjin (Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta), tordna li l-appellant – li jinhtieg il-kura u ghajnuna ghar-riabilitazzjoni tieghu mid-dipendenza fuq xi medicina perikoluza – jitqieghed fuq probation ghal zmien tlitt snin mill-lum taht il-kura tal-probation officer Mariella Camilleri, bil-kondizzjonijiet kollha inkluzi fil-probation order anness ma din is-sentenza, partikolarment dik li jkompli jattendi ghall-kull programm tal-Agenzija Sedqa, u "counselling" u "regular weekly urine testing" kif lilu indikat mill-istess probation officer u/jew mill-persuni inkarikati mill-kura u r-riabilitazzjoni tieghu, minn zmien ghal zmien.

Il-Qorti tordna d-Distruzzjoni tal-pilloli esebiti a kariku tar-Registratur.

(ft) J. Galea Debono
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur

6.6.2002